

# L-Akkwist tal-Art għall-Knisja tal-Karmelitani fil-Belt Valletta

Prof. Stanley Fiorini

Meta l-Ordni ta' San Ġwann aċċettaw l-għotja tal-Imperatur Karlu V li jieħdu 'l Malta bħala darhom fl-1530, ma tantx laqgħuha bil-ferħa għax dejjem kellhom f'moħħhom li għad jerġgħu jirbħu lura l-Gżira ta' Rodi li kienu tilfu lill-Ottomani fl-1522. Għaldaqstant ma kinux ħadu d-difiża tal-gżira b'xi serjetà kbira għax ma ridux jonfqu flus fix-xejn, u llimitaw ruħhom li jagħmlu biss dak li kien essenzjali fil-Birgu u fl-Isla; ma għamlux dak li kien tabilħaqq meħtieġ, jiġifieri li jsaħħu l-Għolja Xiberras li kienet tiddomina fuq il-pożizzjonijiet tagħhom in-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir. Imma l-esperjenza qarsa tal-Assedju l-Kbir fl-1565 serviet bħal dik id-daqqa ta' ħarta li kellhom bżonn biex iġġibhom f'sensihom u jaqtgħuha darba għal dejjem li Malta kellha tkun is-sede permanenti tagħhom. Ma kienx għadda wisq żmien mit-tmiem tal-Assedju fit-8 ta' Settembru li l-Ordni, immexxija mill-Gran Mastru Jean de Valette, ma qatgħethiex li tibni fortizza qawwija fuq l-Għolja Xiberras. Dan il-bini tant ittieħed bis-serjetà li, f'temp ta' ħames snin, kien mexa 'l quddiem biżżejjed biex nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 1571, il-Kavallieri b'pompa kbira qasmu l-baħar tal-Port il-Kbir, ħallew warajhom is-sede li kellhom il-Birgu sa mill-1530 u stabbilew irwieħhom fil-Belt il-ġdida, Valletta.

Ix-xogħol kollu li kien sar f'dawk il-ħames snin ma kienx waqa' mis-sema. Ħafna Maltin kienu meddew għonqhom għalih u lanqas ma kienu biżżejjed huma għax kien jenħtieġ li jiġu impurtati għadd ta' barranin, ħafna minnhom minn Sqallija imma mhux biss, biex jagħtu daqqa t'id; fis-sajf biss tal-1566 inġabu bejn l-1,000 u l-1,200 ħaddiem barrani. Għadd minn dawn qatgħuha li jibqgħu Malta, jiżżewġu hawn għax sabu li mal-Ordni kien hawn biċċa ħobż x'tiekol. Barra minn dawn, ħafna minnhom ħaddiema fil-ġebel, l-Ordni kienet timpjega numru mhux żgħir ta' nies tas-sengħa tal-gwerra, bħalma kienu bumbardiera u suldati oħra. U barra dawn ħafna Rodjoti li kienu daħlu Malta mal-Kavallieri fl-1530 u li sa dak iż-żmien kienu fil-Birgu u fl-Isla, għażlu li jaqsmu l-baħar wara l-Kavallieri. F'daqqa waħda l-ġemgħa ta' nies jaħdmu fil-Belt żdiedet qatigħ u l-ħtieġa li jkollhom sostenn spiritwali nħasset sew. Sa dak iż-żmien, dak l-ilsien art bejn iż-żewġ portijiet kien jagħmel parti mit-territorju tal-Parroċċa ta' Ħal Qormi. Tant hu hekk li nsibu lill-Kappillan ta' dan ir-raħal, Dun Ġwann Cilia, jitqabad fil-Forti Sant'Iermu, jikkonforta 'l dawk il-qalbiena li xerrdu demmhom hemm u bħalhom jispiċċa magħhom b'ġismu bla ras jinġarr mal-mewġ f'wiċċ l-ilma lejn Sant'Anġlu. Il-kappillan ta' warajh, Dun Marjanu Briffa stinka kemm felaħ biex iżomm f'idejh dan it-territorju, issa li żdied ferm fl-importanza tiegħu. Imma kif tlaħħaq ma' dik id-domanda kollha? L-ordnijiet reliġjużi mendikanti kollha fil-gżira – Karmelitani,

Dumnikani, Agostinjani u Franġiskani – ħassew id-dmir li jagħtu daqqa t'id u kollha ħasbu sa mill-bidu biex jitfgħu saqajhom fil-Belt il-Ġdida.




**Pjanta tal-Belt il-Ġdida – Valletta**

Meta għedna qabel li l-Kavallieri daħlu fil-Belt Valletta fl-1571 ma rridux ninsew li l-preparamenti għall-bini tal-bereġ u l-palazzi tagħhom u tad-djar tan-nies l-oħra li kellhom jiġu joqogħdu hemm kienu ilhom li bdew jinħmew. L-Ordni sa mill-bidu tal-miġja tagħha f'Malta ħasbet biex tirregolamenta l-bini b'ordinazzjonijiet li nediet fl-1531, 1548, 1555, 1558 u 1562. Imma issa, li l-ħolma ta' belt ġdida kienet bdiet titwettaq, fl-1566 twaqqfet kummissjoni magħmula minn tliet Kavallieri – Fra Raffaello Xatmar, Fra Dionisio Guiran u Fra Raffaello Salvago – u tliet Maltin esperti fil-valutazzjoni tal-art – Mattew Cassar, Ġakbu Bonnici u Ruġġieru Zimech – li kellhom jiġbru l-informazzjoni dwar min kellu dritt għall-art f'Xiberras, u x'kienu l-pretensjonijiet tagħhom. Dawn lestew xogħolhom sa Frar 1567. Sadanittant, il-Papa Piju V kien bagħat lill-Inġenier u Arkitett Francesco Laparelli minn Cortona biex jieħu f'idejh ir-responsabbiltà tat-tħażżiż tal-pjanta tal-Belt Valletta. Laparelli kien megħjun mill-Arkitett Malti Ġlormu Cassar li kien stinka kemm felaħ waqt l-assedju u baqa' jagħti servizz mill-aqwa għal ħafna żmien wara. Laparelli ħareġ bi pjanta li kienet taqsam il-Wardija Xiberras fi 80 blokka bini, b'seba' toroq dritti dritti bejn Sant'Iermu u l-foss ta' Bieb il-Belt u tnax oħra trasversali u perpendikulari magħhom jaqsmuhom. Fit-12 ta' Marzu 1566 il-Kummissarju tal-Artijiet, Johannes de Barras, nieda l-proġett tal-bejgħ tal-art fil-Belt li kellha tmur bil-prezz ridikolu ta' żewġ irbiegħi kull qasba kwadra, prezz li ma kellu x'jaqsam xejn mal-profezija medjevali li "Kellu jiġi żmien li fil-Wardija kull xiber raba' jkun jiswa uqija". Fl-24 ta' Mejju 1569 twaqqfet kummissjoni ġdida magħmula mill-Kavallieri Fra Nicola de Mirè, Fra Raimondo Fortuin u Fra Cesare Ruel li flimkien ma' Laparelli, kellhom jirregolamentaw il-bini l-ġdid u l-bejgħ tal-art.



**Ġlormu Cassar**

Dawn ir-regoli, fost l-oħrajn, saħqu li d-djar fil-belt ma setax ikollhom ġonna mat-triq, fil-kantunieri kellu jkun hemm dekorazzjoni xierqa, kull dar kellu jkollha bir għall-ilma tax-xita, il-ġebel għall-bini kellu jiġi mis-sit stess jew mill-Mandraġġ, u x-xogħol ta' kostruzzjoni kellu jibda fi żmien sitt xhur mill-firma tal-kuntratt ta' xiri. Dawn id-dettalji kollha joħorġu mill-atti tan-Nutar Placido Abela fit-tieni reġistru tiegħu (R4/2) li jinkorpora fih l-atti kollha ta' akkwist tal-art bejn it-23 ta' Lulju 1569 u l-1576. Dan il-volum fih xejn anqas minn 890 folja (miktuba minn wara u minn quddiem) b'aktar minn 600 att ta' xiri.

Jekk inħarsu lejn l-akkwisti minn istituzzjonijiet reliġjużi nsibu li t-tieni wieħed hu dak tal-Karmelitani (wara dak tal-Papassi Meta xí tal-Griegi, fis-7 ta' Novembru 1569). Fil-kuntratt, bil-Latin, fuq l-erba' folji ff. 336-337$^{v}$ tas-27 ta' Lulju 1570, għall-Karmelitani deher Patri Ġwann Vella O.C., f'isem il-Provinċjal tar-Renju ta' Sqallija (*citra Pharum*); P. Ġwann dik is-sena kien il-Pirjol tal-Knisja tal-Lunzjata, fir-Rabat. Għall-Kummissjoni tal-Artijiet deher Fra Raimondo Fortuin flimkien mal-Kommendatur ta' San Stiefnu u Balliju ta' Cos u Langon, Fra Cristoforo Le Bonsan(?), logutenent għall-Gran Mastru, u Fra Georgio Cacherano; kien hemm ukoll preżenti l-Arkitett Ġlormu Cassar. L-art li nxtrat kienet il-blokka sħiħa Numru 53, jiġifieri bejn it-toroq (skond il-pjanta ta' Laparelli) *Strata S. Michaelis* (illum, Triq il-Punent), *Strata S. Sebastiani* (illum, Triq Zekka), *Strata SS. Salvatoris* (illum, *Triq it-Teatru l-Antik*), u misraħ miftuħ. Dan hu eżattament il-blokka bini tal-lum. Id-dimensjonijiet fi *Strata S. Michaelis*

u fi *Strata S. Sebastiani* kienu ta' 18-il qasba, u fi *Strata SS. Salvatoris*, 22 qasba, b'kollox 396 qasba kwadra. Il-ħlas għall-art kien ta' 66 skud li 33 skud minnhom tħallsu mal-kuntratt u t-33 skud ieħor P. Ġwann kellu jtihom fil-festa tal-Qaddisin Kollha li jmiss; dan il-ftehim sar b'digriet maġistrali tal-4 ta' Lulju ta' dik is-sena. Min-naħa tiegħu, P. Ġwann intrabat li jibni fuq is-sit Knisja dedikata lill-Beatissma Verġni tal-Karmelu. Hekk ħalfu li jkun kemm il-Kavallieri bejjiegħa, billi qiegħdu idhom fuq is-Salib tal-Ordni ta' fuq sidirhom, kif ukoll ix-xerrej, P. Ġwann, *tacto pectore*, skont id-drawwa tas-saċerdoti f'dak iż-żmien. Ix-xhieda kienu Fra Cristoforo De Sorè jgħidulu Vilar, Fra Filippo de Tuglieres u Fra Gabriele de Magnes, *testibus notis ad premissa vocatis specialiter et rogatis.*



**Pietro Del Monte – Il-Gran Mastru li fi żmienu nxtrat l-art**

Imma l-istorja ma waqfitx hemm skont ma jidher minn nota fuq f. 337v, wara l-kuntratt. Skond żewġ digrieti maħruġa mill-Gran Mastru fit-18 u d-19 ta' April 1571, ippreżentati mill-istess P. Ġwann, jidher li l-Gran Mastru kien ħafer il-ħlas tat-33 skud li kien ħallas u li ddikjara li kien irċevihom lura mill-istess Fra Raimono Fortuin, u li ma kellux jibqa' jinsisti fuq it-33 skond l-ieħor li kien baqagħlu jħallas. Id-digrieti ħarġu fuq il-firma tal-Awditur tal-Ordni, F. Mego, fil-preżenza tax-xhieda Fra Petro Chirani, Mastro Antonio (...)giano u Petro Rocca.

Luciano
Restaurant · Pizzeria

21/22 T
Merchants Street
Valletta

Telephone
2123 6212



PHOTOCITY

57 SOUTH STREET VALLETTA
✆ 21236723 27006723
PHOTOCITY MALTA

Passport Photos,
Digital Photo Printing, Frames, Albums,
Cameras, Camera Accessories,
Full Colour Photocopy Service
and much more